MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) GHAWDEX

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili - Ghawdex Numru. 144/1992/1

**Citaz numru 144/92**

**Carmel Grima**

**vs**

**Emanuel Cremona**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors prezentat fit-28 ta' Jannar 2002 mill-attur apellant li permezz tieghu talab li tigi kjarifikata l-kwistjoni jekk fuq il-hlas tal-appogg kif likwidat humiex qed jiddekorru l-imghax u b'effett minn meta dan ghandu jibda hekk jiddekorri;

Rat ir-Risposta ntavolata fil-11 ta' Frar 2002 fejn il-konvenut appellat qajjem fl-ewwel lok l-irritwalita' u nullita'

tar-rikors billi dan ma giex prezentat fit-terminu statutorju ta' tletin (30) gurnata kif hekk jiddetta l-Artikolu 825 (2) tal-Kap 12;

Rat l-atti tal-kawza u in partikolari s-sentenza ta' dina l-Qorti tat-30 ta' Novembru 2001 li permezz taghha irrespingiet l-appell interpost mill-attur u kkonfermat id-decizjoni appellata tal-5 ta' Ottubru 1995;

Ikkonsidrat;

Illi kif inhu ovvju fl-ordni guridiku kif ukoll fl-ordni logiku dina l-Qorti qed tinvesti l-punt tal-irritwalita' in kwantu jekk jirrizulta gustifikat dan jidderimi t-talba kontenuta fir-rikors;

Illi bl-Artikolu 825, Kap 12, il-ligi taghna tikkontempla r-rimedju tal-korrezzjoni tas-sentenza fil-kaz ta' "*xi zball ta' kalkolu*" (subinciz 1) jew fil-kaz ta' "*zbalji fil-kliem uzat*", jew biex "*tbiddel espressjonijiet li ma jkunux cari jew li jistghu jiftehmu xort'ohra minn dak li kif jidher car riedet tfisser il-qorti*" (subinciz 2). Dan fuq l-awtorita' tad-Dritt Ruman li jafferma "actorum verba emendare, tenore sententiae perseveranta, non est prohibitum" (L. 46, Dig. "De re judicata");

Illi inoltre l-precitat Artikolu 825 fit-tieni subinciz tieghu jippreciza u jissanzjona illi r-rikors ghandu jsir "*zmien tletin (30) gurnata mid-data tas-sentenza*";

Illi anke tenut rigward ta' dak dispost fl-Artikolu 102 u fl-Artikolu 107 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili t-terminu legali sancit mill-Art 825 (2) tal-istess Kodici jirrizulta li skada f'dan il-kaz u in effetti r-rikors gie prezentat tardivament.

Konsegwentement u ghal dan il-motiv ir-rikors intavolat mill-attur appellant fit-28 ta' Jannar 2002 qed jitqies 'fuori termine' u b'hekk irritwalment propost.

L-ispejjez ta' din il-procedura huma a kariku tal-attur appellant.

Dep/Reg
cb